MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Numru 363/1999

**Il-Pulizija**
**Supretendent Alexandra Farrugia Mamo**

**vs**

**Adrian Vella**
**Christopher Grech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Adrian Vella ta' 44 sena, iben John u Aida nee' Grech, imwieled San Giljan fil-25 ta' Jannar 1955 u residenti No. 5 Belveder Crt., Triq il-Qaliet, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 184255(M) u l-imputat Christopher Grech ta' 41 sena, iben Alexander u Lucy nee' Gauci, imwieled Msida fl-1 ta' April 1957 u residenti Numru 65, Main street, Gharghur u detentur tal-

karta tal-identita’ numru 294157(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifikaw cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta gew prezentati ircevew bihom hlas, jew hadu kunsinna ta’ oggetti, jew gabru depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’ xi att pubbliku tal-Gvern u talli xjentement ghamlu uzu minn dawn l-imsemmija dokumenti iffalsifikati bi ksur ta’ l-Art.167 u 169 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. Ghamlu falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ Bank privat, b’ falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi, wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija hawn fuq u dan bi ksur ta’ l-Art.183 u Art.184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. Appropjaw ruhhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilhom u cioe’ flejjes li jappartjenu lil Boris Onoprienko u Vladimir Plotnikov taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar meta l-flejjes gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ ohra, sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila,

setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, ghamlu qligh b’ qerq li jammonta ghal aktar minn Lm500 ghad-dannu ta’ Boris Onoprienko u Vladimir Plotnikov u persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308 u 309(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta’ Lulju 2004 (esebita a fol. 435 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

FIL-KONFRONT TAZ-ZEWG IMPUTATI

(a) fl-artikoli 167, 169 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 183, 184 tal-Kodici Kriminali ;
(c) fl-artikoli 293, 294 tal-Kodici Kriminali ;
(d) fl-artikoli 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li waqt l-udjenza tas-17 ta’ Marzu 2006, l-imputati Adrian Vella u Christopher Grech ddikjaraw li huma m’ ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;
Ikkunsidrat :

Illi dawn il-proceduri gew intavolati fil-konfronti taz-zewg imputati wara li fil-25 ta’ Lulju 1997 il-Pulizija kienet irceviet kwerela minghand Dr. Christian Farrugia ghan-nom ta’ Vladimir Plotonikov u Boris Omoprienko fejn dawn kienu qed jallegaw frodi u misappropprijazzjoni da parti taz-zewg imputati li kienu qed jagixxu fil-kwalita’ taghhom ta’ diretturi ta’ GA Trading International Limited. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Alexandra Farrugia Mamo (xhieda relattiva nserita a a fol. 40 sa 46 tal-process) jirrizulta li l-kwerelanti nfurmawha li huma kellhom kumpanija registrata hawn Malta bl-isem ta’ Medlink Company Limited u fl-1994 din il-kumpanija ghamlet xi transazzjonijiet ma’ kumpanija Franciza bl-isem ta’ Claude Bonnet u minhabba r-restrizzjonijiet ta entratura fi Franza ghal persuni ta’ nazzjonalita’ Russa intbaghat l-imputat Christopher Grech ghan-nom tas-

socjeta' Medlink Company Limited sabiex jiffirma kuntratt li kellu jsir bejn Medlink Company Limited u Claude Bonnet. Il-kwerelanti nfurmaw lil Pulizija li l-ispejjes inkorsi minn Christopher Grech ghall-alloggjar fi Franza u ghall-ikel kellhom jithallsu mil-kumpanija Franciza filwaqt li l-ispejjes tal-ivjaggar kellhom jithallsu minn Medlink Company Limited. Jjidher li sussegwentement ir-relazzjonijiet bejn Medlink Company Limited u s-socjeta' GA Trading International Limited iddeterjoraw u gew intavolati proceduri civili f'liema proceduri is-socjeta' GA Trading esebiet invoice ghas-somma ta' US$ 6, 768 liema fattura kienet mahruga minn GA Trading Limited u ndirizzata lis-socjeta' Medlink Company Limited u kienet tirrigwada spejjes ta' alloggjar u ikel inkorsi mill-imputat Christopher Grech meta huwa mar Franza sabiex jiffirma l-kuntratt li saret referenza ghalih aktar il-fuq u rigali moghtija lir-rapprezentanti tas-socjeta' Claude Bonnet (kopja ta' din il-fattura tinsab inserita a fol. 23 tal-process). Il-kwerelanti infurmaw lil Pulizija li dan l-ammont kien gie trasferit mill-kont ta' Medlink Company Limited ghal dak ta' GA Trading International Limited fid-19 ta' Frar 1994 izda meta huma vverifikaw mas-socjeta' Claude Bonnet skoprew li l-imputat fil-fatt ma kien inkorra l-ebda spejjes stante li kienet l-istess socjeta' Claude Bonnet li hallset ghall-ispejjes inkorsi minnu waqt il-mawra tieghu fi Franza u li huwa ma kien ta ebda rigal lir-rapprezentanti ta' Claude Bonnet. Il-kwerelanti inoltre nfurmaw lil Pulizija li fl-accounts tal-kumpanija imhejjija mill-imputat Adrian Vella kienet saret entry ghall-istess ammont u bid-data tal-15 ta' Frar 1994 fejn din l-entry giet indikata bhala spejjes konnessi max-xiri ta' foodstuffs. Il-kwerelanti allegaw ukoll li kienu inkarigaw lill-imputat Christopher Grech sabiex jixtri xi ghamara ghan-nom taghhom minghand C. Fino and Sons Limited u huwa kien sussegwentement itrasferixxa xi flus fil-kont tieghu liema ammont kien jeccedi il-prezz tal-ghamara.

Vladimir Plotnikov u Boris Onoprienko it-tnejn xehdu f'dawn il-poceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 16 sa 21 u a fol. 32 sa 37 rispettivament). Huma kkonfermaw dak li kien intqal lil Pulizija meta saret il-kwerela u esebew kopja tal-fattura tal-15 ta' Frar 1994, il-fattura mahruga minn C.

Fino and Sons Limited bhala l-prezz tal-ghamara (a fol. 22) kif ukoll kopja tal-bank draft tal-15 ta Frar 1994 fl-ammont ta’ Lm2,654.75 (a fol. 39) pagabbli lil GA Trading Limited. Huma esebew ukoll zewg dikjarazzjonijiet rilaxxjati minn Ludovic Vallee’ u Max Bonnet (a fol. 24 sa 29) fejn dawn iz-zewg rapprezentanti tas-socjeta’ Claude Bonnet ikkonfermaw li huma kienu hallsu ghall-ispejjes tal-lukanda u ghall-ikel tal-imputat Christopher Grech waqt il-mawra tieghu fi Franza u fejn qalu li huma qatt ma rcevew ebda rigal minghand l-imsemmi Grech waqt din il-mawra. Dawn id-dikjarazzjonijet fil-fatt gew ikkonfermati mill-imsemmija Bonnet u Vallee’ li xehdu f’dawn il-proceduri permezz ta’ ittri rogatorji.

L-imputati Christopher Grech u Adrian Vella it-tnejn irrilaxxjaw stqarrija lil Pulizija (inseriti a fol. 43 sa 53 tal-process) fejn huma nnegaw kategorikament l-allegazzjonijiet maghmula mill-kwerelanti u fejn wara li spjegaw kif kienu bdew ir-relazzjonijiet kummercjali bejn is-socjeta’ GA Trading International Limited u Medlink Company Limited u kif dawn ir-relazzjonijiet kienu spiccaw hazin sabiex imbaghad gew intavolati proceduri civili bjen il-partijiet u fejn spjegaw li huma kienu silent partners fis-socjeta’ Medlink Company Limited stante li trattandosi ta’ socjeta’ offshore huma ma setghux ikunu azzjonijisti fiha. Christopher Grech ikkonferma li huwa kien mar jirrapprezenta lis-socjeta’ Medlink fil-kuntratt li sar ma Claude Bonnet fi Franza u li huwa ma kien hallas xejn ghall-ispejjes ta’ vjaggar u alloggjar u l-anqas ma kien ta rigali lir-rapprezentanti ta’ Claude Bonnet. Kemm Christopher Grech kif ukoll Adrian Vella spjegaw li l-fattura tal-15 ta’ Frar 1994 kienet fittizja u kienet inharget fuq talba specifika minn Medlink ghal raguniijet li ma gewx indikati lilhom. Adrian Vella spjega li d-dokumenti kollha relattivi ghal Medlink kienu jinzammu minn Boris Ompreinko u li kien dan tal-ahhar li kien indikalu l-entry li kellha ssir fl-accounts bid-data tal-15 ta’ Frar 1994. Iz-zewg imputati spjegaw li ghalkemm il-fattura inharget fi Far 1994 il-kwerelanti resqu l-ilment taghhom dwarha mal-Pulizija fl-1997, u cioe’ wara li gew intavolati proceduri civili mill-imputati fil-konfonti taghhom. Adrian Vella u Christopher Grech it-tnejn ghazlu li jixhdu f’dawn il-

proceduri fejn ikkonfermaw dak li kienu qalu fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati u fejn l-imputat Christopher Grech spjega li huwa kien ta garanzija personali lil Bank of Valletta International ghal Overdraft Facility li inghatat lil Medlink Company Limited u fil-kwalita' tieghu ta' garanti spicca sabiex ikollu jhallas personalment lil bank is-somma ta' US$150,000 fuq din l-overdraft facility. Dan gie konfermat mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta il-Prokuratur Legali Francesca Scerri li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju 2009.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti taz-zewg imputati taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 167 u 169 (falsifikazzjoni ta' dokumenti), 183 u 184 (falsifikazzjoni ta atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat), 293 u 294 (misaproprijazzjoni) u 308, 309 u 310 (frodi u truffa). Illi jinghad mal-ewwel li din il-Qorti wara li fliet l-atti kollha proceswali hija tal-fehma li ebda wiehed minn dawn ir-reati ma jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti taz-zewg imputati. L-unika haga li tirrizulta pruvata minn dak allegat minn Vladimir Plotonikov u Boris Omoprienko huwa li l-ispejjes indikati fil-fattura datata 1 ta' Frar 2004 ma gewx inkorsi mill-imputat Christopher Grech jew mis-socjeta' GA Trading International Limited. Dan jirrizulta kemm mid-dikjarazzjonijiet maghmula minn Ludovic Vallee' u Max Bonnet kif ukoll minn dak li qalu l-istess imputati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxjati. L-akbar lacuna fil-provi tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hija li nonostante li din il-fattura inharget lil Medlink Company Limited minn GA Trading International Limited ma ngabitx l-ahjar prova tal-konnesjoni ta' Vladimir Plotonikov u Boris Omoprienko (il-kwerelanti) ma Medlink Company Limited. Fit-12 ta' Ottubru 2000 fil-fatt gie esebit Memorandum and Articles ta' socjeta' Medlink International Limited minn rapprezentanta tar-Registru tal-Kumpaniji fejn ma hemm ebda indikazzjoni li Vladimir Plotonikov u Boris Omoprienko kienu azzjonijisti jew diretturi tal-imsemmija kumpanija. Inoltre irid jigi rilevat li d-dokument in dizamina certament ma jistghax jitqies bhala wiehed mid-dokumenti

msemmija fl-Artikolu 167. Inoltre irid jigi rilevat li z-zewg imputati mal-ewwel spjegaw li l-fattura in kwistjoni kienet fittizja izda li kienet inharget fuq talba tas-socjeta' Medlink Company Limited. Il-fatt li din il-fattura inharget fi Frar 1994 u li l-ilment dwarha sar aktar minn tlett snin wara hija indikazzjoni cara li dak li qed isostnu z-zewg imputati in kwantu jirrigwarda din il-fattura huwa minnu u ghalhekk huma ghandhom jitqiesu li pruvaw sal-grad tal-probabli dak minnhom allegat. Irid inoltre jigi rilevat li ma ngabet ebda prova li fil-fatt l-ammont indikat fil-fattura effettivament thallas lis-socjeta' GA Trading International Limited u ghalhekk anki l-akkuzi ta' misapproprijazzjoni jew frodi bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li gew pruvati. L-istess haga jinghad in kwantu jirrigwarda l-allegazzjonijiet dwar l-entry fl-accounts minn Adrian Vella stante li ma gewx prodotti l-accounts fejn allegatament saret entry fittizja u in kwantu jirrigwarda l-allegazzjonijiet dwar il-flus mizmuma mill-imputat Chris Grech ghax-xiri tal-ghamara kull ma giet prodotta hija fattura mahruga minn C. Fino and Sons Limited lill-imputat (a fol. 22) izda altrimenti bl-ebda mod ma gie pruvat li dan tal-ahhar trasferixxa xi ammont lilu nnifsu li jeccedi l-ammont globali ndikat fil-fattura msemmija. Fl-ahhar nett irid jigi rilevat li l-kwerela mibghuta minn Dr. Christian Farrugia qatt ma giet esebita f'dawn l-atti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi kollha migjuba fl-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------